**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
(**Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Giuseppe Di Nunno**
**Vito Lorusso**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Giuseppe Di Nunno**, detentur tal-karta tal-identità Taljana bin-numru AT 9627605; u

> **Vito Lorusso**, detentur tal-passaport Taljan bin-numru YA6802260;

Akkuzati talli:

nhar l-10 ta' Ottubru 2017 gewwa dawn il-gzejjer:

1. ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi jew tbezza' fuqhom kontroa l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz *(Art. 95, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

2. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied *(Art. 338(dd), Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra *(Art. 338(ee), Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

U **Giuseppe Di Nunno** akkuzat wahdu talli li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

4. Attakka je wghamel resiztenza bi vjolenza hew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku filsaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti *(Art. 96, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat **Vito Lorusso**;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat **Vito Lorusso** sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat **Vito Lorusso** rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat **Vito Lorusso**;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Vito Lorusso** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Tikkundannah ukoll multa kumplessiva ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

Il-Qorti spjegat lill-imputat **Vito Lorusso** fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur